MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 345/2010

**Miller Distributors Limited (C-344)**
**Vs**

**Dorothy Mercer (Karta ta' l-Identità bin-Numru 360949M) f'isimha proprju kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem "Fastco"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici fis-27 ta' Settembru 2010 permezz ta' liema titlob li l-konvenuta f'isimha proprju kif ukoll ezercenti l-kummerc taht l-isem "Fastco", tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' sitt elef seba' mija u erbgha u disghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€ 6,794.87), rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjetà attrici fuq inkarigu taghha stess; bl-ispejjez, inkluzi tal-prezenti kawza kif ukoll ta' l-ittra ufficjali ai terminu ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 5751/2009 intavolata fit-22 t'Ottubru 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors, u bl-

imghaxijiet legali mid-data tal-hrug tal-*invoices* relattivi sad-data tal-effettiv pagament;

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bir-Rikors, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ma dehritx ghas-seduti mizmuma mill-Qorti.

Rat illi l-konvenuta ma rrispondietx ghall-kapitolu ipprezentat fil-konfront taghha u ghaldaqstant dan jirrizulta mistqarr.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-konvenuta naqset milli tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici u ghalhekk dan ghandu jitqies bhala mistqarr.Fic-cirkostanzi ghalhekk jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici ghall-kundanna tal-konvenuta f'isimha proprju kif ukoll ezercenti l-kummerc taht l-isem "Fastco" ghall-hlas tas-somma ta' € 6,794.87, oltre l-ispejjez giudizzjarji u imghax legali, hija gustifikata u ghandha tigi miqlugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta f'isimha proprju kif ukoll ezercenti l-kummerc taht l-isem "Fastco", thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' € 6,794.87, bl-imghax legali kif mitlub mis-socjetà attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 5751/09 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------